MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 247/2006

**Illum 27 ta' Novembru 2006**

**App Nru 247/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lucy Saliba**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lucy Saliba mart Paul u bint Francis Saliba u Antonia nee` Farrugia talli nhar it-30.04.2005 ghal habta tas-6.15pm fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug Ghawdex, (**1**) saqet karozza AAO838 b'manjiera traskurata u perikoluza (Art 15(1) Kap 65) u aktar (**2**) talli saqet l-imsemmija vettura b'velocita` eccessiva;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta’ Gunju 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Lucy Saliba mhux hatja skond it-tieni imputazzjoni, izda sabitha hatija skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatha multa ta’ hamsin lira (Lm50), kif ukoll skwalifkata mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta’ xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Lucy Saliba, minnha prezentat fl-4 ta’ Lulju 2006, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza biex b’hekk hija tigi liberata minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta’ Settembru 2006; ikkunsidrat:

L-appellanti, fir-rikors taghha, ressqet erba’ aggravji, pero` l-ewwel tnejn gew minnha rtirati fl-udjenza msemmija tal-1 ta’ Settembru 2006. Ghalhekk jibqa’ biss biex jigu kkunsidrati t-tieni u t-tielet aggravji li jghidu testwalment hekk:

**“Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji il-Qorti ghamlet ukoll apprezzament hazin tal-fatti; Illi l-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-Artikolu 30(1)(b) tal-Kodici Kriminali.”**

Ix-xhieda principali relattivament ghall-incident meritu tal-imputazzjonijiet huma tnejn, u cioe` Joseph Agius, u z-zghira Erika Maria Saliba ta’ hdax-il sena li tigi n-neputija tieghu. Il-mara ta’ dana Agius tigi oht Maria Cini. Dina Maria Cini kellha diversi kwistjonijiet u incidenti mal-appellanti.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha, hi tal-fehma li dana l-appell ghandu jigi akkolt peress li mhix sodisfatta li d-deposizzjoni ta’ Agius tirrispekkja fedelment dak li effettivament gara, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

i. Agius jghid li, qabel ma l-appellanti ghaddiet, skond hu, sparata bil-vettura taghha minn ma’ genbu, huwa, minn distanza ta’ tmenin pied, semghha tghid waqt

li hija kienet fl-imsemmija vettura "Ara fejn hu, ha ntajjru!". Din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif minn dik id-distanza huwa seta' jisma' tali kliem. Mhux biss dawn il-kliem it-tifla li kellu mieghu ma ssemmihomx, izda – u dan, fil-fehma tal-Qorti huwa aktar determinanti – dawn il-kliem huwa qatt ma rrappurtahom lill-pulizija (ara d-deposizzjoni ta' PS 1346 Anton Schembri).

ii. Ghalkemm Agius jghid li Saliba (l-appellanti) ghaddiet minn hdejh bil-vettura b'mod selvagg – jew, fi kliem il-Kuntistabbli li ha r-rapport, "ghaddiet sparata minn mieghi" – it-tifla Erica Maria Saliba tghid "L-ewwel saqet tghaggel, imbaghad x'hin waslet fejna saqet bil-mod". Dan hu konfermat ukoll minn dak li s-Surgent ighid li qaltlu l-appellanti: "Jien jista' jkun li ssowjajt ghax it-triq tidjieq u bil-karozza ma tghaddix bil-liberta`."

Tenut kont ta' kollox, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax ragjonevolment jinghad li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata mill-prosekuzzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti Lucy Saliba hatija skond l-ewwel imputazzjoni, kif ukoll fejn ikkundannatha multa ta' hamsin lira u skwalifikatha mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' xahar, b'mod ghalhekk li l-appellanti qed tigi liberata minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------